**7 ta' Marzu, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Frankie Mifsud

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija *et*

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Libertà Personali – Arrest – Raġunijiet għal Suspett Raġonevoli – Kummissarju tal-Pulizija – Responsabbiltà tal-**

*Ir-rikorrent allega li kienu ġew vjolati fil-konfront tiegħu d-dritt għal-libertà personali kif protett fl-artikolu 34(1) u (2) tal-Kostituzzjoni billi l-arrest tiegħu kien sar mingħajr awtorizazzjoni u mingħajr ma hu ġie nfurmat bir-raġunijiet ta' l-arrest. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqgħet it-talbiet tar-rikorrent u b'sentenza susseg-wenti llikwidat id-danni dovuta lir-rikorrent. L-intimati appellaw separatament miż-żewġ sentenzi. Il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet kkonfermat l-ewwel sentenza u rriformat it-tieni billi llikwidat id-danni f'somma iżgħar minn dawk fissati mill-ewwel Qorti.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali rritjenit li nonosatant li l-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx direttament involut xorta waħda kien responsabbli għad-danni versu r-rikorrent billi t-tmexxija u s-sorveljanza tal-korp kienet tinkombi lilu. Dwar l-arrest il-Qorti*

*rritjenit li meta wieħed jeffettwa arrest fuq suspett raġjonevoli jeħtieġ li dak is-suspett ikompli jeżisti għall-perijodu kollu f'liema l-persuna ddum arrestata. Inoltre fil-każ preżenti l-arrestat ma kienx ġie infurmat bir-raġunijiet li wasslu għall-arrest tiegħu u anke dan kien jagħmel l-arrest wieħed illegali.*

Il-Qorti: – Rat ir-rikors ta' Frankie Mifsud preżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih ippremetta:

Illi huwa ġie arrestat mill-Pulizija nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Diċembru, 1983, fis-1.45 p.m. mid-Dipartiment tal-Posta, il-Belt, Valletta, u ġie meħud id-Depot tal-Pulizija, Furjana, fejn inżamm hekk arrestat sal-Ħadd, 4 ta' Diċembru, 1983, fil-11.45 a.m.;

Illi fl-istess ġurnata saret tfittxija mill-Pulizija fid-dar ta' residenza ta' l-esponent fi "Wien" Alexander Street, Birzebbugia;

Illi kemm l-arrest kif ukoll it-tfittxija saru fuq ordnijiet ta' l-intimat;

Illi l-arrest ta' l-esponenti sar bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Kodiċi Kriminali, peress illi ma ngħatatx ir-raġuni ta' l-arrest, l-arrest ġie effettwat minn persuna li m'għandhiex skond il-liġi poter u d-dritt li fiċ-ċirkostanzi tal-każ tarresta ċ-ċittadini, u sar mingħajr suspett fondat ta' reat, u fi kwalunkwe każ ġie mtawwal aktar minn dak li kien assolutament meħtieġ;

Illi l-arrest tar-rikorrent sar bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 35(1)(2) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 362(1), 364, 365(1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li t-tfittxija saret

bi ksur ta' l-artikolu 39(1) u (2) tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 362 tal-Kodiċi Kriminali;

U talab li dik il-Qorti tiddikjara li (1) l-arrest tar-rikorrent fuq ordnijiet ta' l-intimati sar bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 35(1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta (2) tiddikjara li t-tfittxija li saret fuq ordnijiet ta' l-intimat fid-dar "Wien" Alexander Street, Birzebbugia, fejn joqgħod l-esponent, saret bi ksur ta' l-artikolu 39(1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u (3) tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex jiġu rimedjati l-vjolazzjonijiet tal-jeddijiet tar-rikorrent, fosthom li ssib lill-intimati ħatja ta' ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif imsemmi, u tikkundannahom iħallsu lill-esponent il-kompens previst fl-artikolu 35(4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta,

Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta tal-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Supretendent Carmelo Bonello, li biha ssottomettew:

1. Illi għalkemm jidher li kemm taħt il-Kodiċi Kriminali kif ukoll taħt liġijiet oħra kien hemm u għad hemm mezzi xierqa u adegwati ta' rimedju għall-allegati lanjanzi, ir-rikorrent għażel li jadixxi mill-ewwel lil dina l-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali tagħha; illi għalhekk dina l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni u dana in konformità mal-proviso ta' l-istess subartikolu:

2. Illi l-intimati aġixxew fil-konfront tar-rikorrent skond id-dmirijiet, setgħat u poteri mposti fuqhom u mogħtija lilhom

mil-liġi bħala Uffiċjali tal-Pulizija eżekuttiva u għalhekk l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu respinti;

Rat is-sentenza tat-8 ta' April, 1988 li biha dik il-Qorti:

a. Iddikjarat li kien desiderabbli li tirrifjuta li teżerċita d-diskrezzjoni tagħha a tenur tal-"Iżda" tat-tieni subartikolu ta' l-artikolu 47 (sic) tal-Kostituzzjoni fir-rigward tat-tieni talba tar-rikors;

b. Iddikjarat li l-arrest tar-rikorrent fuq ordnijiet ta' l-intimati kien sar bi vjolazzjoni ta' l-ewwel u tat-tieni inċiż ta' l-artikolu 35 (sic) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u

ċ. Irriservat li tipprovdi dettaljatament dwar it-tielet talba wara li tisma' s-sottomissjonijiet tal-partijiet fir-rigward, spejjeż riservati għall-ġudizzju finali, u dana wara li kkunsidrat illi:

Il-Qorti kienet mistiedna teżerċita d-diskrezzjoni tagħha mogħtija lilha bl-"Iżda" tat-tieni inċiż (subartikolu) ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni, li jgħid hekk:

"Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun deżiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna *skond xi liġi oħra*". Il-Qorti tifhem li għandha terġa' tissottolinea l-fatt li l-Kostituzzjoni qiegħda tagħti diskrezzjoni soġġettiva mill-iktar wiesgħa lill-Qorti, iżda peress li hawn si tratta ta' eżerċizzju ġudizzjarju, l-eżerċizzju ta' din id-

diskrezzjoni għandu jkun marbut ma' xi kriterji li jassiguraw li l-eżerċizzju ma jkunx wieħed diskriminatorju. Issa f'dan il-każ il-Qorti mhix sodisfatta fir-rigward tat-talbiet kollha li "mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur ir-rikorrent skond xi liġi oħra". Fir-rigward tat-tieni talba jidher ċar li r-rimedju għal tfittxija mingħajr id-debitu warrant kien sempliċi dak li ma jinfetaħx il-bieb a sempliċi rikjesta la mingħajr warrant it-tfittxija tkun illegali fis-sens tal-Kodiċi Kriminali. Iżda fir-rigward tat-talbiet l-oħra l-Imħallef sedenti ma jifhimx li xi rimedju propost mill-intimati kien rimedju adegwat, effettiv u faċilment aċċessibbli għar-rikorrent u konsegwentement il-Qorti taqta' li ma għandhiex teżerċita d-diskrezzjoni mogħtija lilha fir-rigward ta' l-ewwel u tielet talba tar-rikors, iżda għandha teżerċitaha fir-rigward tat-tieni talba;

Ikkunsidrat dwar il-fatti: Illi nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Diċembru, 1983, l-ispettur tal-Pulizija Noel Schembri, mar ifittex lil mart ir-rikorrent fid-dar tal-mamà tagħha Birzebbugia, u talabha tmur miegħu d-dar tagħha biex jagħmel *search* għal "*illegal things or objects*". L-Ispettur uriha l-*Identity Card* tiegħu u kien akkumpanjat minn madwar għaxar pulizija oħra, kollha pajżana. Hija marret fid-dar tagħha fl-istess distrett, fetħitilhom u ħallietħom jagħmlu t-tfittxija li riedu jagħmlu liberament u mingħajr ebda xkiel. Ir-riżultat ta' din it-tfittxija jidher li kien kompletament negattiv, peress li ma jidhirx li nstabet xi ħaġa dubbjuża jew inkriminanti. Waqt it-tfittxija, l-Ispettur fuq domanda tiegħu, liberament imwieġba minn mart ir-rikorrent, sar jaf li r-rikorrent ma kienx id-dar u li kien għax-xogħol, il-Posta, il-Belt fejn huwa mpjegat bħala *executive officer*. L-Ispettur għadda l-informazzjoni dwar ir-rikorrent lill-intimat Supretendent Bonello, li mill-ewwel mela formola tal-*warrant*

lis-Surġent tal-Pulizija Gaetano Walker biex imur jarresta lir-rikorrent mill-post tax-xogħol u minn hemmhekk jieħdu d-Depot tal-Pulizija. Meta r-rikorrent irritorna mill-*Lunch break* għal xi s-siegħa u nofs sab jistennewh lil dan is-surġent flimkien ma' pulizija ieħor u fis-sagħtejn nieqes għoxrin (1.40 p.m.) is-Surġent qallu li kellu ordni biex jieħdu d-Depot tal-Pulizija kif ukoll li kien għadhom kif għamlulu tfittxija d-dar tiegħu għal armi u affarijiet tal-wireless. Żied jgħidlu li riedu jkellmuh fuq dawn l-affarijiet u għalhekk kellu ordni biex jieħdu miegħu lejn id-Depot tal-Pulizija. Ir-rikorrent mar bil-kwiet kif kien ordnat jagħmel id-Depot tal-Pulizija u ħaduh fejn hemm iċ-ċelel. Meta talbuh ineħħi l-ingravata, iċ-ċinturin u l-lazzijiet, staqsa jekk kienx qiegħed jiġi arrestat u tweġiba ċara kienet li **hu kien arrestat.** Dan kien fis-sagħtejn nieqes ħamsa, bl-arloġġ, u kien dak il-ħin li l-pulizija rreġistra bħala l-ħin ta' l-arrest tiegħu, għalkemm ir-rikorrent mill-ewwel kien fisser li hu kien ġie arrestat ħin qabel meta kien il-Posta. Żammewh fiċ-ċella sa xi s-sitta ta' filgħaxija ta' l-għada, is-Sibt, 3 ta' Diċembru. Fis-6.10 p.m. kien interrogat għal xi kwarta, l-aktar siegħa mill-uffiċjali tal-Pulizija; wara dan l-interrogatorju ntbagħat lura fiċ-ċella fejn inżamm sal-Ħadd, 4 ta' Diċembru, 1983, mnejn kien meħlus għal nofs inhar nieqes kwart;

Fir-rigward tal-warrant għandu jingħad li l-warrant baqa' dejjem għand is-Surġent Walker li baqa' ma wriehx lir-rikorrent li fil-fatt ma talbux biex jarah. Dan il-warrant li fotokopja tiegħu kienet preżentata u qiegħda fl-atti tal-proċess a fol. 181 jgħid hekk:

"Lil P.S. 452 G. Walker

"Bis-saħħa mogħtija bil-liġi skond l-artikolu 362 tal-Kodiċi Kriminali Kap. 12, nordnalek biex tidħol fil-post "Wien", Alexander Street, B'Bugia jew fil-post fejn huwa mpjegat sabiex tarresta lil Francis Mifsud;

Meta tiġi mitlub, inti għandek turi dan il-mandat lill-persuna fuq indikata." (Dan il-warrant fih it-timbur bil-kliem Supretendent C.I.D. – Dec. 1983 – *Malta Police)*;

Is-Supretendent Bonello fisser li hu kien ħareġ formola tal-warrant u mlieha meta, waqt tfittxija f'dar oħra f'Birzebbugia, fl-istess ħinijiet kien infurmat li r-rikorrent kien għax-xogħol, billi kien ħa miegħu ftit formoli vojta, ittimbrati bit-timbru tiegħu għal-lest (fol. 128);

Huwa fatt ukoll li waqt li r-rikorrent kien id-Depot l-uffiċjali tal-Pulizija li nterrogawh kienu nvoluti f'interrogatorji paralleli ta' diversi persuni oħra in konnessjoni ma' l-allegata sejba ta' armi f'ċirkostanzi allarmanti għall-Awtoritajiet tal-pajjiż;

F'dawn il-fatti r-rikorrent jallega diversi aggravji:

a) Huwa kien ipprivat mil-libertà personali tiegħu kontra d-dispost ċar ta' l-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni li jispeċifika li tali privazija tista' ssir biss:

(i) fuq suspett raġonevoli li l-persuna tkun ikkomettiet, jew tkun sejra tikkommetti, reat kriminali;

(ii) fejn dan ikun il-każ, "għandu jinġieb quddiem il-Qorti mhux aktar tard minn dakinhar ir-rikorrent ġie nterrogat

minn kwarta sa siegħa mill-intimat Supretendent Bonello u minn membri oħrajn tal-Pulizija. In segwitu ġie meħud fiċ-ċella fejn tħalla sal-4 ta' Diċembru, 1983, meta ġie rilaxxat għal xi l-11.45 a.m;

7. Ma jidhirx li għall-arrest imsemmi hemm xi rimedju adegwat ħlief il-kumpens previst fl-artikolu 34(4) tal-Kostituzzjoni;

8. Ġie sottomess għall-intimat Kummissarju tal-Pulizija, fit-trattazzjoni orali, li dan l-intimat ma għandux jiġi kkundannat. Ġie argumentat li l-lanjanzi tar-rikorrent jikkostitwixxu delitti li ma jistgħux jiġu kommessi mill-karika iżda talvolta mill-individwu li jokkupa l-karika. Il-Kummissarju preżenti ma kienx jokkupa dik il-karika fid-data ta' l-arrest in *kwistjoni*;

9. F'dan ir-rigward jiġi rilevat li bis-sentenza tat-8 ta' April, 1988 ġie deċiż li kien responsabbli għall-vjolazzjoni msemmija, flimkien ma ħaddieħor, il-Kummissarju tal-Pulizija. Bil-preżenti sentenza, għandha tingħata deċiżjoni a tenur ta' dik is-sentenza b'riferenza għall-partijiet fil-kwalità tagħhom kif indikati f'dik l-istess sentenza, salv kull azzjoni *si et quatenus;*

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija preżentat fid-29 ta' Mejju, 1989 li bih għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenzi tat-8 ta' April, 1988 u tad-19 ta' Mejju, 1989, fuq ċitati billi tirrevokahom inkwantu l-istess sentenzi sabu xi respnsabbiltà fl-esponenti Kummissarju tal-Pulizija in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Pulizija responsabbli għal xi ksur tad-drittijiet Kostituzzjonali

ta' l-appellat Mifsud u inkwantu l-istess appellant in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Pulizija ġie kkundannat iħallas xi kumpens lill-istess appellat, u tiddeċiedi minflok billi tiddikjara lill-esponent Kummissarju tal-Pulizija in rapprerżentanza tad-Dipartiment tal-Pulizija mhux responsabbli għall-ksur tad-drittijiet kostituzzjonali ta' l-istess appellat Mifsud u konsegwentement tillibera lill-istess dipartiment kif rappreżentat mill-kundanna għal kull ħlas ta' kumpens lill-istess appellat, u tikkonfermaha fir-rimanenti partijiet tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-rikors ta' l-appell Kostituzzjonali ta' l-istess Carmelo Bonello preżentat fit-30 ta' Mejju, 1989 li bih għar-raġunijiet hemm sottomessi talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenzi appellati, kemm dik tat-8 ta' April, 1988, u kemm dik tad-19 ta' Mejju, 1989, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessif u hekk huwa jiġi meħlus minn kull responabbiltà kemm ta' l-addebiti miġjubin kontra tiegħu u kemm ta' l-ammont deċiż bħala kumpens xieraq għall-każ;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-imsemmi Mifsud għar-rikors ta' l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija preżentata fit-8 ta' Ġunju, 1989;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi fil-każ preżenti qiegħed isir appell minn żewġ sentenzi

minn kull wieħed mill-intimati. L-intimat Kummissarju tal-Pulizija qiegħed jappella sija mis-sentenza mogħtija tat-8 ta' April, kif ukoll minn dik tad-19 ta' Mejju, 1989. L-intimat l-ieħor Carmelo Bonello qiegħed jagħmel bħalu. Il-Qorti għall-finijiet ta' kjarezza sejra tikkunsidra dawn iż-żewġ appelli separatament;

Ikkunsidrat:

Kwantu għall-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija, il-Qorti tosserva li filwaqt li fil-prim'istanza huwa ħa ċertu atteġġament, f'din it-tieni istanza huwa qed jieħu atteġġament ieħor. Infatti fil-prim'istanza huwa ppreżenta risposta (fol. 28) flimkien ma' l-intimat l-ieħor fejn issottomettew li l-intimati aġixxew fil-konfront tar-rikorrent skond id-dmirijiet, setgħat u poteri mposti fuqhom u mogħtija lilhom mil-liġi bħala uffiċjali tal-pulizija esekuttiva u għalhekk l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Għall-kuntrarju f'din it-tieni istanza fir-rikors tiegħu ta' l-appell preżentat fid-29 ta' Mejju, 1989 (fol. 452) huwa qiegħed jgħid (para ċ) li l-atti li taw lok għal-lanjanzi fir-rikors promotur ma kinux xi atti awtorizzati jew ordnati skond xi liġi u allura ***intra vires*** l-ente ġuridiku u morali li hu d-Dipartiment tal-Pulizija, anzi kienu atti li huma espressament projbiti bil-liġi u in vjolazzjoni ta' l-istess u bħala tali huma dejjem *ultra vires* dik l-ente ġuridiku u morali li għandha eżistenza u funzjoni u poteri biss u limitatament sal-punt li l-istess eżistenza, funzjoni u poteri huma mogħtija lilha bil-liġi. Fi kliem ieħor, l-appellant Kummissarju tal-Pulizija qiegħed jaċċetta li l-atti li saru kienu *ut sic* espressament projbiti mil-liġi u kwindi kienu jivvjolaw id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent iżda, għal ċerti raġunijiet legali li qiegħed javvanza, huwa ma

jistax jiġi tenut responsabbli għal dak li ġara;

L-imsemmi appellant Kummissarju tal-Pulizija qiegħed jissottometti li l-intimat f'dan il-proċess mhuwiex il-persuna li meta ġara l-inċident in kwistjoni kienet tokkupa l-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija jew il-persuna li qiegħda tokkupa din il-kariga llum, iżda huwa d-Dipartiment tal-Pulizija. Skond l-istess appellant, l-atti li kienu projbiti mil-liġi huma dejjem ***ultra vires*** l-imsemmi Dipartiment li jista' jeżisti u jiffunzjona limitatament sal-punt li tistabilixxi l-liġi. L-aġir jew in-nuqqas ta' aġir, kontra l-liġi, ta' persuna li tokkupa kariga uffiċjali i.e. kap ta' Dipartiment, huwa ***ultra vires*** l-istess Dipartiment u r-responsabbiltà taqa' fuqu bħala individwu. Il-Gvern, skond l-istess intimat appellant, m'għandux jirrispondi għall-aġir ta' individwu kontra l-liġi li huwa responsabbli hu stess għall-ħsara li jagħmel. Il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, li jirrigwarda d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem, jissokta jissottometti l-appellant, mhux intiż biex l-istat jagħmel tajjeb għall-vjolazzjoni tagħhom iżda huwa intiż biex irażżan l-abbuż tal-poter minn dawk l-individwi li f'xi mument jokkupaw xi kariga fl-Istat;

F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li kif ġie reċentament osservat minnha fil-kawża "Carmelo sive Charles Buttigieg vs. Albert Mizzi bħala Chairman għan-nom u in rappreżentanza ta' l-*Air Malta Company Limited*" deċiża fid-9 ta' Ottubru, 1989, l-imsemmija drittijiet u libertajiet fundamentali, li huma garantiti mill-Kostituzzjoni, ma jaqgħux taħt id-dritt privat (fejn jidħlu konċetti oħra kompletament diversi) iżda taħt id-dritt pubbliku u għalhekk jikkostitwixxu dawk id-drittijiet li persuna jkollha kontra l-Istat innifsu. F'dik id-deċiżjoni ingħad ukoll li

l-Kostituzzjoni tikkontempla l-protezzjoni li għandu jagħti l-Istat f'din il-materja ta' drittijiet fundamentali u li ma jistax jiġi eskluż *a priori* li l-Istat qiegħed jagħti dik il-protezzjoni mhux biss meta dritt fundamentali jiġi vjolat mill-Istat iżda anke fejn jista' jiġi vjolat minn individwu;

Fil-każ preżenti l-Kummissarju tal-Pulizija mhux qed jiġi mħarrek bħala individwu, personalment, iżda *qua* Kummissarju tal-Pulizija skond id-dispożizzjonijiet tal-art. 181(1)(4) tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12, Ediz. Riv. 1984) u inkwantu qed jiġi hekk imħarrek qiegħed jiġi mħarrek l-Istat fil-persuna tiegħu billi huwa l-persuna li jkun responsabbli fil-kwalità uffiċjali tiegħu għan-nom ta' l-Istat għall-atti allegati mir-rikorrent fir-rikors promotorju tal-ġudizzju. L-individwu għandu dritt għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet tiegħu fundamentali fil-konfront ta' l-Istat u l-Istat għandu jagħtih din il-protezzjoni. Jekk jiġi ppruvat li saru atti in vjolazzjoni tad-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' individwu minn impjegat ta' l-Istat, appuntu għaliex si tratta ta' dritt pubbliku u mhux ta' dritt privat fejn jidħlu kunċetti oħrajn, ikun l-Istat li jkun responsabbli fil-konfront ta' dak l-individwu, salvi imbagħad *si et quatenus* id-drittijiet ta' l-Istat kontra l-impjegat u/jew impjegati personalment li jkunu kkommettew dik il-vjolazzjoni. Billi si tratta ta' dritt pubbliku, in linja ġenerali huwa l-Istat li huwa responsabbli fil-konfront ta' l-individwu li jsofri vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali tiegħu kommessa minn impjegat ta' l-Istat;

Kieku l-Qorti kellha taċċetta l-imsemmija sottomissjonijiet ta' l-appellant Kummissarju tal-Pulizija, il-konsegwenza kienet tkun li l-Istat qatt ma kien ikun jista' jiġi tenut responsabbli u

dana billi jgħid li dak li ġara kien dovut għall-aġir *ultra vires* ta' l-impjegat u għalhekk responsabbli dak l-impjegat mentri, appuntu billi si tratta ta' dritt pubbliku, l-Istat għandu jipproteġi l-individwu kontra l-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu rikonoxxuti mill-Kostituzzjoni speċjalment meta din il-vjolazzjoni temana mill-impjegati tiegħu, salvi *si et quatenus* id-drittijiet ta' l-Istat kontra l-istess impjegat;

Fil-każ preżenti l-appellant Kummissarju tal-Pulizija qiegħed jaċċetta fir-rikors ta' l-appell tiegħu (para ċ) li dak li sar *"kienu atti li huma espressament projbiti mil-liġi u in* vjolazzjoni ta' l-istess" u kwindi huwa responsabbli fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija *qua* Kummissarju tal-Pulizija għall-vjolazzjonijiet fuq indikati;

Apparti dan jista' jiżdied li kif ġie osservat minn din il-Qorti fil-kawża "Francis Zammit Dimech et – vs – il-Kummissarju tal-Pulizija", deċiża fit-30 ta' Novembru, 1987, il-Kummissarju, minbarra l-kmand u direzzjoni, għandu wkoll is-sorveljanza tal-Korp (art. 6 Kap. 164, Ediz. Riv. 1984) u l-Qorti ma tistax ma tirritjenix li kien hemm dan in-nuqqas ta' sorveljanza meta tqis li, skond id-depożizzjoni tal-persuna li kienet allura tokkupa l-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija, jirriżulta (fol. 35) li hu ma kienx jaf bl-investigazzjoni minn qabel ma saret kontra r-rikorrent u lanqas jiftakar jekk il-file tiegħu għaddewhulux jew jekk tawhx informazzjoni verbali fuqu peress li r-riżultat kien wieħed negattiv u huwa jiġi nfurmat b'operazzjonijiet simili meta *jkun hemm riżultat pożittiv;*

Ikkunsidrat:

Kwantu għall-appell magħmul mill-intimat Bonello, dana ssottometta li wieħed irid ipoġġi ruħu fil-pożizzjoni tal-persuna li qiegħda tinvestiga. Meta l-Pulizija tkun sabet l-eżistenza ta' reat trid tara min kienu l-persuni nvoluti. Ma għamlet xejn ħażin meta ħadmet fuq l-informazzjoni li jagħtuha "informers" bħal ma jaħdmu l-Pulizija l-oħra tad-dinja. L-appellant Bonello jkompli jissottometti li ma ġiex allegat li hu aġixxa b'xi vendikazzjoni jew b'xi attrit personali. Ir-rikorrent għandu l-obbligu li jipprova li l-persuna li arrestatu ma kellhiex suspett *raġonevoli u din il-prova effettivament ma saritx*;

Minn eżami ta' l-art. 34(1) jidher li l-Kostituzzjoni, wara li tistabilixxi l-prinċipju ġenerali li ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà personali tiegħu, tkompli biex tagħmel eċċezzjoni meta l-istess privazzjoni mil-libertà personali tkun ġiet awtorizzata b'liġi f'ċerti każijiet imsemmija fl-istess art. 34(1), fosthom il-każ meta jkun hemm suspett raġonevoli li l-persuna tkun ikkommettiet jew tkun sejra tikkommetti reat kriminali (paragrafu (f) ). Fil-fatt il-Kodiċi Kriminali taħt it-titolu "Fuq is-Setgħat u d-Dmirijiet tal-Pulizija Esekuttiva fil-Proċeduri Kriminali" fl-art. 347 jiddisponi li l-Pulizija Esekuttiva għandha s-setgħa li tarresta kull persuna li tkun għamlet jew li għandha suspett li għamlet delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Fl-art. 348 il-Kodiċi Kriminali jkompli jiddisponi li fil-każijiet ta' kontravenzjonijiet jew ta' delitti mhux soġġetti għall-piena fuq imsemmija l-Pulizija Esekuttiva tista' wkoll tgħaddi għall-*arrest ta' persuna meta din tinqabad fil-fatt jew l-arrest hu* meħtieġ biex jimpedixxi reat li għalih il-Pulizija tista' tmexxi minn rajha mingħajr il-kwerela privata;

Għandu jingħad fir-rigward ta' l-art. 34(1)(f) li l-

Kummissjoni Ewropeja, meta kienet qiegħda tikkunsidra każ ta' arrest taħt l-art. 5 anaolgu tal-Konvenzjoni Ewropeja, irritjeniet illi *"in determining what is a reasonable suspicion.....permitting the arrest or detention of a person under paragrach (1)c, regard must be had to the circumstances of the case as they appeared at the time of arrest and detention" (Fawcett, The application of the European Convention on Human Rights, paġna 89).* Il-Qorti ma tarax li dan ma għandux japplika wkoll għall-artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Wieħed għalhekk irid iqiegħed ruħu fil-pożizzjoni ta' kif kienu jidhru ċ-ċirkostanzi fil-mument ta' l-arrest jew dentenzjoni;

Għandu jingħad ukoll li l-Qorti Ewropeja fil-kawża *"Stogmuller vs. Austria", (Sieghart, International Law of Human Rights, paġna 147)* irritjeniet li *"Where a person is arrested on the ground of existence of "reasonable suspicion that he committed an offence", the persistence of such a condition is a necessary condition for the validity of his continued detention....."* Anke dan għandu japplika taħt l-artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni għax jekk jeħtieġ suspett raġonevoli għall-arrest, huwa ovvju u loġiku li għandu jibqa' jseħħ dak is-suspett raġonevoli sabiex jiġi mantenut l-arrest, u li malli jispiċċa s-suspett raġonevoli, jiġi terminat ukoll l-arrest. Kif ġie osservat minn din il-Qorti fil-kawża "Cecil Pace vs. Onor. Dom. Mintoff *noe*" deċiża fid-9 ta' April, 1973: "ir-raġonevolezza tad-durata tad-detenzjoni ma tistax tiġi valutata fl-astratt imma ovvjament fid-dawl ta' kull każ partikulari meħuda konsiderazzjoni taċ-ċikostanzi kollha rilevanti". Jekk jispiċċa s-suspett raġonevoli din ċertament hija ċirkostanza rilevanti li taffetta d-durata ta' l-arrest b'mod li għandha twassal biex jiġi terminat l-arrest;

Prinċipju ieħor stabbilit fl-imsemmi artikolu 34 tal-Kostituzzjoni huwa dak li jinsab fis-subartikolu (2) li jiddisponi li kull min ikun arrestat jew detenut għandu jiġi nfurmat, fil-ħin ta' l-arrest jew detenzjoni tiegħu f'ilsien li huwa jifhem, bir-raġunijiet ta' l-arrest jew detenzjoni;

L-imsemmi art. 34(2) huwa simili għall-art. 5(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiddisponi li *"everyone who is arrested shall be informed promptly, in a language which he understands, of the reasons of his arrest and of any charge against him"*. Il-Qorti ma tarax li tgħaddi xi differenza bejn il-kliem *"at the time of his arrest or detention"* użati fit-test Ingliż fl-art. 34(2) tal-Kostituzzjoni u l-kelma *"promptly"* użata fl-art. 5(2) fil-Konvenzjoni Ewropeja. Jekk tingħata tali informazzjoni fil-ħin ta' l-arrest jew detenzjoni, din tkun qed tingħata *"promptly"* u jekk tingħata *"promptly"* jeħtieġ li tingħata fil-ħin ta' l-arrest jew detenzjoni;

Għandu jiġi osservat li sija l-imsemmi art. 5(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll l-imsemmi art. 34(2) tal-Kostituzzjoni jillimitaw ruħhom li jgħidu li persuna tkun trid tiġi *"informed in a language that he understands"*, u għalhekk ma jirrikjedix li l-informazzjoni tingħata bil-miktub jew f'xi forma speċjali. Kif josserva s-Sieghart (op. cit. paġna 151): *EUCM (i.e. European Commission of Human Rights) has said that this information is not required to be given in writing. Nor is it required to be conveyed in any special form"*;

Stabbiliti u enunċjati dawn il-prinċipji legali, il-Qorti issa sejra tgħaddi biex teżamina ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ fid-dawl ta' l-imsemmija prinċipji;

Ikkunsidrat:

Minn eżami tal-provi, u b'mod speċjali mid-deposizzjoni ta' l-appellant Bonello, jirriżulta li, wara li kellu l-"informer", iddeċieda li jieħu l-passi kontra r-rikorrent u l-Ġimgħa, 2 ta' Diċembru, 1983, kien ordna lill-Ispettur Noel Schembri li jagħmel "*search* fil-fond tar-rikorrent u jkun x'ikun l-eżitu tas-"*search*", pożittiv jew negattiv, jarrestah (fol. 127). Jirriżulta wkoll li hu kien ġie nfurmat mis-Surġent Walker (fil-waqt li kienet għadha, ssir is-"*search*") li r-rikorrent ma kienx id-dar u għalhekk kien ħareġ warrant bil-miktub biex l-istess Walker jarresta lir-rikorrent fuq ix-xogħol u jieħdu d-Depot tal-Pulizija (fol. 128). L-istess appellant Bonello wara mar id-dar tar-rikorrent fejn is-"*search*" kienet waslet fl-aħħar stadji tagħha, u mbagħad irritorna d-Depot. In segwitu mar id-dar tiegħu stess u *reġa' rritorna d-Depot għal xi l-4 p.m.* fejn għamel interrogatorji lil sitta minn nies li kienu jinsabu arrestati, liema interrogatorji huwa spiċċa jagħmilhom fil-11 p.m. Fl-istess ħin huwa anke ta xi direttivi in konnessjoni ma' xi serqa li kienet saret ġewwa *lotto office* (fol. 137) u pprepara għal "*searches*" oħra f'Ħal-Luqa l-għada għal xi armi. Fil-fatt l-għada s-Sibt, għal xi 8 a.m. mar id-Depot u wara ħa parti fis-"*searches*" għall-armi f'diversi postijiet (fol. 139) u rritorna d-Depot fis-1.30 p.m. u wara mar id-dar biex jiekol. Irritorna d-Depot għal xi l-4 p.m. u wara li nterroga tnejn min-nies oħra, interroga lir-rikorrent għal xi siegħa. Wara nterroga xi tlieta jew erbgħa min-nies oħra (fol. 143) u rritorna d-dar għal xi l-11 p.m. (fol. 144). L-għada l-Ħadd fil-għodu nterroga lil xi nies oħra. Ir-rikorrent ġie rilaxxat il-Ħadd fil-għodu mingħajr ma reġa' ġie nterrogat. Jidher għalhekk li wara li r-rikorrent ġie arrestat fuq ix-xogħol il-Ġimgħa wara nofs in-nhar, huwa ġie eżaminat darba biss, l-għada s-Sibt

fil-għaxija u ġie rilaxxat il-Ħadd fil-għodu;

Ikkunsidrat:

L-ewwel Qorti, bid-deċiżjoni tat-8 ta' April, 1988, iddikjarat li l-arrest tar-rikorrent sar bi vjolazzjoni ta' l-ewwel u t-tieni inċiż ta' l-art. 35 (illum 34) tal-Kostituzzjoni. Jinkombi għalhekk lill-Qorti li fid-dawl tad-dispożizzjonijiet u ġurisprudenza fuq ċitata tikkunsidra (1) jekk l-appellant Bonello kienx ġustifikat li l-Ġimgħa, 2 ta' Diċembru, 1983 wara nofs inhar jarresta lir-rikorrent minħabba suspett raġonevoli li r-rikorrent ikkommetta jew kien sejjer jikkommetti reat kriminali (2) jekk l-appellant Bonello kienx ġustifikat li jżomm lir-rikorrent arrestat sal-Ħadd tard fil-għodu u (3) jekk ir-rikorrent ġiex infurmat fil-ħin ta' l-arrest itegħu bir-raġunijiet ta' l-imsemmi arrest;

Il-Qorti ħasbet fit-tul fuq jekk jistax jingħad li l-appellant Bonello kienx ġustifikat li jkollu suspett raġonevoli b'mod li jintitolah li jarresta lir-rikorrent. Kif intqal fuq, wieħed irid iħares lejn iċ-ċirkostanzi tal-każ kif dehru fil-mument ta' l-arrest. Għalkemm huwa veru li l-informazzjoni mogħtija lill-appellant Bonello mill-informer, li a bażi tagħha aġixxa, la kienet bil-miktub u lanqas ġuramentata u għalkemm jidher li l-istess appellant Bonello seta' nsista għal iżjed informazzjoni mill-informer billi, per eżempju, jinsisti fuq id-data meta l-"*jerry cans*" daħlu fil-fond tar-rikorrent, u fuq in-numru tagħhom, il-Qorti ma tarax li tista' twarrab ir-raġunijiet l-għala l-istess appellant Bonello ddeċieda li jaġixxi fuq dak li qallu l-imsemmi informer (fol. 126) u ċjoè li l-informer deher kredibbli billi kien tah dettalji dwar l-ambjenti nterni tal-fond tar-rikorrent u anke kien tah informazzjonijiet oħra qabel li jieħu rriżultaw korretti.

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tarax li tista' tgħid li l-appellant Bonello ma kienx ġustifikat li jordna s-"*search*" u l-arrest tar-rikorrent;

Iżda meta wara rriżulta li s-"*search*" kien negattiv, kien dover tiegħu li jagħmel l-interrogatorju jew li l-interrogatorju jsir lir-rikorrent mill-aktar fis possibbli. Minflok il-provi juru li r-rikorrent ġie nterrogat xi tmienja u għoxrin siegħa wara li kien ġie arrestat. Veru li l-appellant Bonello kellu jinterroga nies oħrajn u veru wkoll li kellu xogħol ieħor x'jagħmel iżda dan qatt ma jiġġustifika li persuna tibqa' arrestata meta r-riżultat tas-"*search*" kien negattiv u għalhekk kien juri, almenu *prima facie*, li l-appellant Bonello ma setax joqgħod fuq l-informazzjoni li kien tah l-*informer* fir-rigward tar-rikorrent. Jirriżulta lill-Qorti li kien hemm spetturi oħra, fosthom anke spetturi li kienu "*on call*" (fol. 212) u intant dawn l-ispetturi ma ġewx użati fil-*konfront tar-rikorrent. U anke kieku ma kienx hemm, kien dover* tal-istess appellant Bonello, li kien qed jiddirieġi mmedjatament l-investigazzjonijiet li jieħu ħsieb li jkun hemm spetturi biżżejjed għax-xogħol li kien hemm bżonn biex jassigura li r-rikorrent ma jibqax arrestat iktar milli kien meħtieġ;

In-nuqqas tal-appellant Bonello jikber meta wieħed jikkunsidra li meta anke l-interrogatorju tar-rikorrent ta riżultat negattiv, minflok ma lliberah mill-arrest, ħalla lir-rikorrent lejl sħiħ arrestat u lliberah biss xi sittax-il siegħa wara. Veru huwa li xi kultant f'ċerti ċirkostanzi jkun desiderabbli li persuna tibqa' arrestata għalkemm l-interrogatorju jkollu eżitu negattiv, iżda, fil-fehma konsiderata tal-Qorti l-appellant Bonello ma pprova bl-ebda mod (kif kien semmai obbligu tiegħu li jipprova) li kien ġustifikat ikompli jżomm lir-rikorrent arrestat wara l-

interrogatorju sakemm ġie liberat l-għada. Ma hemmx għalfejn jingħad li l-fatt li l-Kostituzzjoni tiddisponi li persuna arrestata li ma tiġix rilaxxata għandha tinġieb quddiem il-Qorti mhux iżjed tard minn tmienja u erbgħin siegħa ma jfissirx li min jarresta jkollu dritt li jżomm il-persuna arrestata sa tmienja u erbgħin siegħa iżda dan għandu l-obbligu li jirrilaxxja l-persuna arrestata meta, minħabba ċ-ċirkostanzi li jirriżultaw, ma jistax iżjed jingħad li l-persuna arrestata tista' tiġi raġonevolment suspettata li kkommettiet jew li kienet sejra tikkommetti reat kriminali. Meta spiċċalu jew imissu spiċċalu s-suspett raġonevoli fuq imsemmi għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-appellant Bonello kellu l-obbligu kostituzzjonali li jirrilaxxja lir-rikorrent li kien qiegħed intant jiġi privat mid-dritt tiegħu fundamentali tal-libertà personali;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti eżaminat ukoll bir-reqqa l-provi li jistgħu jitfgħu dawl fuq jekk ġiex sodisfatt l-obbligu ta' min qiegħed jarresta li fil-mument tal-arrest huwa jagħti lill-persuna li kienet qiegħda tiġi arrestata r-raġunijiet ta' l-arrest. Jidher li l-ħin ta' l-arrest kien meta s-Surġent Walker mar fuq il-post tax-xogħol tar-rikorrent u minn hemm ħadu miegħu d-Depot. Infatti, kif xehed l-istess appellant Bonello, meta s-Surġent Walker qallu li r-rikorrent kien fuq ix-xogħol, kien ħariġlu warrant bil-miktub biex "imur **jarresta** lis-Sur Mifsud minn fuq ix-xogħol u jieħdu d-Depot tal-Pulizija". Dan ukoll jidher mid-depożizzjoni ta' l-istess Walker (fol. 47) li xehed li l-appellant Bonello "tani l-*warrant* biex immur **narresta** lis-Sur Frank Mifsud mill-post tal-Belt fejn jaħdem u minn hemmhekk nieħdu d-Depot tal-Pulizija";

Issa fil-waqt li s-Surġent Walker xehed li huwa wera l-*identity card* lir-rikorrent u qallu li kellu ordni li jieħdu miegħu d-Depot u li kienu għadhom kemm għamlulu tfittxija għall-armi u affarijiet tal-*wireless* u riedu jkellmuh fuq dawn l-affarijiet (fol. 50), min-naħa tiegħu r-rikorrent (fol. 174 – 177) ċaħad li l-istess xhud kien urih l-*identity card* jew qallu li kienu għamlulu tfittxija d-dar tiegħu għall-armi jew affarijiet tal-*wireless* u żied igħid li meta saqsa lil Walker għaliex riduh, dan irrispondih li ried ikellmu l-Ispettur. F'dan l-istat tal-provi l-Qorti ma tarax li ġie pruvat li r-rikorrent ġie mogħti r-raġunijiet ta' l-arrest tiegħu fil-ħin li ġie arrestat. Il-Qorti ma tistax ma tosservax li kien hemm Pulizija ieħor ma' Walker li dan jgħid li jismu "Mario" iżda ma jafx iżjed dettalji dwaru (fol. 49) kif ukoll id-*driver* tal-karozza. L-ebda wieħed minn dawn iż-żewġ persuni (li setgħu tefgħu xi dawl fuq din il-kwistjoni) ma ġie prodott bħala xhud. Lanqas ma ġie ppruvat li meta ngħata l-*warrant* bil-miktub lil Walker mill-appellant Bonello, l-istess Walker ġie mogħti istruzzjonijiet biex jinforma lir-rikorrent, fil-ħin ta' l-arrest tiegħu, bir-raġunijiet għall-istess arrest;

Ikkunsidrat:

Qiegħed jiġi sottomess mill-appellant Bonello subordinatament illi s-somma ta' Lm1,000 fissata mill-ewwel Qorti hija eċċessiva. In sostenn ta' din is-sottomissjoni tiegħu, l-istess appellant Bonello ppreżenta nota ta' riferenza. Min-naħa tiegħu r-rikorrent appellat Mifsud ippreżenta wkoll nota ta' riferenza;

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa dawn iż-żewġ noti fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ kif ukoll il-ġurisprudenza

tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fuq il-materja ta' ''*just satisfaction*'', u wara li kkunsidrat, fost ċirkostanzi oħra, min-naħa l-waħda ż-żmien qasir tal-perijodu ta' arrest żejjed u l-fatt li l-imsemmi perijodu ta' arrest żejjed ma kienx akkompanjat b'xi vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali ieħor, u min-naħa l-oħra ċ-ċirkostanza li, għalkemm ma kienx irriżulta xejn mis-''*search*'', l-interrogatorju tar-rikorrent kien sar biss tmienja u għoxrin siegħa wara li kien ġie arrestat u li r-rikorrent kien ġie miżmum taħt arrest għal sittax-il siegħa oħra nonostante li l-interrogatorju kien ukoll negattiv kif ukoll fil-każ preżenti kien hemm ukoll in-nuqqas li jingħataw lir-rikorrent ir-raġunijiet għall-arrest tiegħu u anke wkoll li l-Kostituzzjoni espressament fil-każ ta' arrest jew detenzjoni illegali (a differenza mill-każ ta' vjolazzjonijiet ta' drittijiet fundamentali oħra) tikkontempla l-ħlas ta' kumpens, u meħudin ukoll in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari ta' pajjiż ta' estensjoni żgħira bħal ma hija Malta, fejn l-arrest ta' persuna għandha riperkussjonijiet gravi, hi tal-fehma li s-somma ta' ħames mitt lira Maltin (Lm500) tkun adegwata fil-każ preżenti. Il-Qorti żżid ukoll li ma tara l-ebda differenza għal bejn iż-żewġ appellanti għal dik li hija quantum ta' responsabbiltà;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi (1) kwantu għall-appelli, sija tal-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll ta' l-appellant Bonello, mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' April, 1988, tiċħad l-istess appelli u tikkonferma l-istess sentenza fir-rigward taż-żewġ appellanti bl-ispejjeż kontra tagħhom u (2) kwantu għall-appelli, sija tal-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll ta' l-appellant Bonello mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Mejju, 1989, tirriforma l-istess sentenza billi tillikwida l-kumpens dovut fis-somma ta'

Lm500 (ħames mitt lira Maltin) minflok elf lilra Maltin (Lm1,000) kif likwidat mill-ewwel Qorti u tikkundanna lill-intimati appellati jħallsu dan l-ammont ta' ħames mitt lira Maltin (Lm500) lir-rikorrent, u dana solidalment bejniethom. L-ispejjeż relattivi għall-imsemmija sentenza tad-19 ta' Mejju, 1989, kwantu għall-ewwel istanza jkunu a kariku ta' l-appellanti u kwantu għal din it-tieni istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.